**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Omissis**

**Kaz Nru: 173/2019**

**Illum 15 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omissis**, 27 sena, iben Paul u Angolina nee Galea, imwieled Pieta', Malta nhar it-3 ta' Dicembru 1991, resident Theresa, Flat 1, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 2392M:

Akkuzat talli gewwa dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Marzu 2019 u fix-xhur ta' qabel sa matul ix-xahar ta' Dicembru 2018:

1. Producejt, bieghejt jew xort'ohra ttraffikajt ir-**raza** mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, , **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

3. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga **kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolarnenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellek fil-pussess tieghek id-droga **kokajina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

5. Talli sirt recediv bi tlett sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera LL.D datati t-tlieta li human har it-8 ta' Awissu 2017, b'sentenza ohra mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera LL.D data 26 ta' Gunju 2015 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

6. Talli kkommettejt reat waqt li kont taht zewg ordinijiet ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera LL.D nhar id-29 ta' Novembru 2016 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tal-15 ta' April 2019 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat li fl-istess seduta l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-istess imputat waqt l-interrogazzjoni ikkollabora mal-Pulizija fejn

sahansitra ghamel stqarrija guramentata fejn issemmiet terza persuna li kien jixtri d-droga minghandha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat gie akkuzat bir-reat ta' traffikar ta' droga ossija raza mehuda mill-pjanta Cannabis u tad-droga kokajina; bil-pussess aggravat tal-istess sustanzi illeciti; li kiser zewg ordnijiet ta' probation u li huwa recediv

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi mix-xhieda tal-Ispettur **Frank Anthony Tabone**[1] jirrizulta li wara li kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali, huwa kien talab lill-Magistrat tal-Ghassa fil-25 ta' Marzu 2019 sabiex jinhareg mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat odjern[2]. Abbazi ta' dan il-mandat sar raid gewwa l-appartament fejn kien jirrisjedi l-imputat nhar it-28 ta' Marzu 2019 mill-Membru tal-Iskwadra kontra d-Droga. Malli kisbu access ghall-fond sabu lill-imputat flimkien ma' tlett persuni ohra. Mit-tfittxijiet li saru instabu madwar 40 gramma suspettata raza tal-cannabis u kif ukoll kien hemm ammont ta' sustanza bajda iebsa f'bicciet zghar suspetta kokajina. Kien hemm ukoll diversi affarijiet relatati ma' traffikar tad-droga[3]. Inoltre' go gakketta kannella instabet bicca zghira sustanza kannella suspettata raza tal-cannabis. Infethet ukoll inkjesta Magisterjali meta twettaq ir-raid fejn gew nominati diversi esperti.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet[4] minn fejn jirrizulta li l-imputat ikkollabora mal-pulizija. Huwa refa' r-responsabilita' tas-sustanzi li nstabu fil-fond. Huwa kkonferma li minn Dicembru 2018 sad-data tal-arrest tieghu huwa kien qieghed jaqdi bejn tmien sa hmistax-il persuna

[1] Seduti tal-15 ta' April 2019 u tad-29 ta' April 2019
[2] Dok FA 9
[3] PS 579 Antoine Micallef xehed fis-seduta tat-8 ta' April 2019 li waqt it-tfittxija nstab pouch li go fih kellu landa tal-metall li fiha kien hemm suspettata raza tal-cannabis, borza bi frak abjad suspettata droga kif ukoll mizien elettronika. Dawn gew elevati mill-Membri tal-Forensika. L-espert Dr Martin Bajada eleva l-afafrijiet elettronici u mobiles
[4] Dok FAT 1 u FAT2

kuljum bid-droga kokajina minn gewwa l-appartament fejn kien jirrisjedi. Bejn it-Tnejn u l-Hamis kien jaqdi madwar tmien persuni, mentri mill-Gimgha sal-Hass kien jaqdi madwar hmistax-il persuna kuljum. Stqarr mieghu li huwa kellu l-vizzju tad-droga u kien qieghed ibiegh id-droga biex jakkwista xi haga biex ikun jista' jabbuza mid-droga. F'din l-istqarrija huwa identifika l-persuna minghand min kien jixtri d-droga. Infatti huwa kkonferma l-istqarrijiet tieghu bil-gurament quddiem Magistrat.

Xehdu wkoll diversi ufficjali tal-Pulizija li spjegaw x'sabu waqt li sari r-raid fir-residenza tal-imputat u lahqu gew prezentati whud mir-rapporti tal-esperti nominati fl-atti tal-inkjesta.

Abbazi tal-provi prodotti ghalhekk, apparti l-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti tqis li l-ewwel hames imputazzjonijiet gew sodisfacjentement ippruvati billi l-elementi li huma rikjesti sabiex tinstab reita' fl-imputazzjonijiet addebitati gew ippruvati sal-grad rikjest tal-ligi. Biss pero' inkwantu ghal ksur ta' ordni ta' probation, filwaqt li gew ipprezentati diversi sentenzi li ppruvaw l-addebitu tar-recediva, ma giet ipprezentata ebda sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat fejn huwa tpogga taht ordni ta' probation.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni u l-ammont ta' droga li nstabet. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputat mill-ewwel ikkopera mal-pulizija u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward, mix-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone, jirrizulta illi l-imputat ghen lill-pulizija billi semma lill-persuna li minghandha jixtri l-kokajina u se jittiehdu passi kriminali kontra l-istess.

Stante li ghalhekk jidher li l-imputat ghen b'mod effettiv lill-pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri taghhom, fil-fehma tal-Qorti, l-istess imputat ghandu jibbenefika minn diminuzzjoni filpiena ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 bi tnaqqis ta' zewg gradi mill-piena applikabbli dwar prigunerija u b'nofs dwar piena pekunjarja.

Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl tal-imputazzjonijiet, l-imputat se jigi kkundannat ghal prigunerija effettiva u ghal hlas ta' multa, izda wkoll li se jinhareg ordni ta' trattament sabiex fil-frattemp jibda jahdem fuqu nnifsu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat  ir-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u l-artikolu 29 tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17(f) u 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u ghall-hlas ta' multa ta' elf mitejn u hamsin euro (€1,250). Il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien sentejn bil-ghan li jeghleb il-vizzju tad-droga, partikolarment sabiex isegwi programm residenzjali u jattendi sessjonijiet ghal ghajnuna psikologika u okkorrendo ghajnuna psikjatrika skont kif jiddeciedu l-professjonisti.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €577.51 rapprezentanti hlas tal-esperti nominati.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti li gewipprezentati fl-atti mid-diversi esperti[5], u dan hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Inoltre' tordna l-Konfiska tal-oggetti kollha ezebiti fl-atti proceduri li gew elevati mill-espert Dr Martin Bajada[6] u li gew dettaljatament indikati fin-nota ipprezentata minnu.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat jekk huwa ma jobdix id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u professjonisti ohra fi hdan l-istess ufficcju.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

[5] Eskluzi dawk li gew elevate u pprezentati minn Dr Martin Bajada
[6] Dok MB1 sa Dok MB 14